# ŻEŻINA U ŻEWĠHA BELINN

Jingħad li s-sinjura Żeż u żewġha Belinn ma tantx jiftehmu. Dnub, għax milli wieħed jista' jara nies sewwa t-tnejn !

Taf x'naf, donnu s-sinjura Żeżin biex tmidd pass trid argnu u meta taħseb lagħmel ħaġa ssib ruħha dejjem bejn ħaltejn. Is-sur Belinn, naħseb, li mimli bih in-nifsu u jridha dejjem rebbieħa. Jaħasra par važetti fihom għaxqa, iżda mfarrda.

Ara kif ittelliflek sabrek Żeżina . . .

Il-ġimgħa l-oħra kont għand Nettu tal-ħwejjeġ. Daħlet Żeżina kollha mgħaġġla . . .

"Ġejt bil-ħatfa nara naqtax libsa minn dawk li wrejtni il-bieraħ."

"Hemm għadhom il-pezez, sa'a Żeż: deherli li kont għażilt il-griża."

"Le, qalbi mdendla mal-ħamra imma nibża' wisq li ma taqbilx mal-kappell magenta li xtrajt dan l-aħħar."

"Għalhekk ħu l-griża."

"Il-griż jaqbel ma' kull lewn, xieraq wisq u moda dejjem."

"Mela naqtagħlek mill-griża, xi kemm tkun trid ?"

"Bi tliet qasab infieq, naħseb, il-lum ma tantx hemm ħala fil-lbies."

"Toħroġlok fil-wisa'."

"Stenna qabel taqta'. Agħtini mmiss daqsxejn il-ħamra, għax naħseb li għandha aktar qabda."

"Ħxuna waħda it-tnejn."

"Jista' jkun imma l-aħmar lewn magħluq u fil-għajn jidher sfiq, u l-griż lewn miftuħ jidher eħfef."

"Fil-qabda din il-ħamra nsibha aħjar, għall-ħarifa taqbel iżjed."

"Mela ser inqieslek il-ħamra."

"Li ma kienx il-kappell magenta ma kontx naħsibha darbtejn. Narġa' ndur għall-griża."

"Kif jogħġbok."

"Fuq il-griż tilbes li trid bla biża' ta' xejn."

"Iva, il-griż aktar mexxej."

"M'hux għax l-aħmar fih xi tmaqdar." Għandi ġakketta bil-bizzilla sewda ma taqtax ftit fuq libsa ħamra."

"Jien naħseb li int aktar marbuta mal-ħamra.

"Hekk hu. Imma ara mill-bogħod x'dawl għandu ħelu dak il-griż.—Dan nofs in-nhar? Ġieżu x'ħin sar! u żewġi kellu jistennieni għand Meli. Narġa' ngħaddilek għada sur Nettu."

"Bon ġornu. Nerfaħhomlok il-pezez biex tagħżel, sa'a Żeż.'

"Sa għada nkun ħsibtha liema nieħu."

Aktarx il-għada Żeżina taqta' libsa lewn it-terrakotta li tkun taqblilha mal-kappel magenta u mal-kappa bil-bizzilla sewda . . .

Belinn, żewġ Żeżina, m'hux fitt għax mita jixtri xi ħaġa mal-ħaġra t-tajn. Iżda l-ħali għandu tiegħu wkoll. Hekk malmara kemm mal-ħbieb dejjem iridha kif taqbel lilu.

Alla jħares min imerih lil Belinn; jirgħax jekk twissih, imqar bil-ħlieqa, jew twiddbu, jew tlumu, ikollok toqgħod għalli jgħid u tmur miegħu, jagħmel x'jagħmel u jgħid x'igħid.

Għandu f'rasu li hu biss raġel, li hu ma jarra qatt. Ħaddieħor jista' jkun li jitfixkel, jinsa, jieħu ħaġa b'oħra, huwa le, għax dejjem jara sewwa, jisma' tajjeb, jifhem sħiħ. Dak li jgħid ħaddieħor għalih ma jgħodd xejn, tiegħu tiegħu u tannies fin-nar.

Ara tmerih lil Belinn għax b'rasek idur, lilek igħoddok bi ħmar, mixtri, rasek qargħa, għajjur, bla ġieh. Hu biss qatt ma jarra, hu bniedem tal-ħaqq u tar-ruħ. Jekk wieħed igħid quddiemu x'ikun ra, jew sama' jew qara, Belinn ikemmex xuftejh biex ifisser mill-ewwel li m'hux sejjer jemmnu għal kollox. Ħabibu aktarx kabbar, naqqas, nesa, tfixkel f'dak li jkun deherlu li ra, sama' jew qara.

Għalhekk, mhux biss il-mara, imma tista' tgħid ħbiebu kollha jersqu lejk bil-biża' u miegħu kliem mill-anqas.

Irġiel bħal Belinn jew tissabbar bihom jew jekk demmek spont, jagħtik li tarfa' idejk fuqhom jew titbiegħed minnhom ħin bla waqt, nies bħalu aqta' biċċa minn dejlek u erħilhom. Ara kemm hu hekk, mita wieħed minn ħbiebu jilmħu lil Belinn riesaq, jew jarġa' lura, jew jilwi ma' l-ewwel kantuniera, jew jidħol f'ħanut sa ma jgħaddi għax ħadd ma jrid u la kliemu u la mielu.

Jiena nagħli għal Belinn li jeħtieġlu jgħammar ma' Żeżina li qadd ma taf sewwa xi trid, imma aktar nagħder lil martu li tgħix ma' min ma jaqbilha ma' ħadd u li jaħseb li barra minnu ma hawnx nies sewwa bħalu fid-dinja.

T. Z.